# Is-Sitt Taqsima

# Tal-Linja u Coaches

## Kategoriji

D1, D1+E, D, D+E, f



# Dimensjonijiet u piżijiet ta' vetturi

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| 6. 1.1 | Ħmistax-il passiġġier fuq il-vettura tiegħek iżidu l-piż b'madwar: *(Immarka tweġiba waħda)* | • 0.5 tunnellata<br>• Tunnellata<br>• 2.5 tunnellati<br>• 3 tunnellati | ✓ Tunnellata |
| 6. 1.2 | Bħala gwida, kemm għandu jkun hemm passiġġieri biex il-piż tagħhom jammonta għal madwar tunnellata? *(Immarka tweġiba waħda)* | • 15<br>• 20<br>• 25<br>• 30 | ✓ 15 |

# Sistemi ta' brejkijiet

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| 6. 3.1 | Meta tagħmel waqfa qasira, quddiem telgħa, għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iżżomm il-vettura bil-*clutch*<br>• Iżżomm il-vettura bil-*footbrake*<br>• Titfagħha *free* u ttella' l-*parking brake*<br>• Ittella' l-*parking brake* wara li twaqqaf | ✓ Ittella' l-*parking brake* wara li twaqqaf |
| 6. 3.2 | Wasalt biex taqla'. Il-vettura hija awtomatika. Qabel ma titfagħha fuq id- *Drive* (D) għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Titfa' saqajk fuq il-*footbrake*<br>• Tagħmel sinjal li ssuq<br>• Tbiddel il-pożizzjoni tas-*seat*<br>• Taġġusta l-mirja | ✓ Titfa' saqajk fuq il-*footbrake* |
| 6. 3.3 | Liema TLIETA minn dawn li ġejjin huma ta' vantaġġ biex twaqqaf bil-mod meta tkun qed issuq xarabank? *(Immarka TLIET tweġibiet)* | • Is-sigurta` u l-kumdita` tal-passiġġieri<br>• Pressa żejda ta' l-*air brakes*<br>• Konsum anqas ta' *fuel*<br>• Tgħerri anqas it-*tyres*<br>• Tevita l-*brake fade* | ✓ I-sigurta` u l-kumdita` tal-passiġġieri<br>✓ Konsum anqas tal-*fuel*<br>✓ Tgħerri anqas it-*tyres* |
| 6. 3.4 | Ix-xarabank li qed issuq hija mgħammra b' *automatic gearbox*. Meta għandek tagħfas f'daqqa il-pedala tal-gass? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Meta trid twaqqaf f'emerġenza<br>• Meta taqleb għal ger ogħla<br>• Meta tkun għaddej bil-mod<br>• Meta trid taċċellera malajr | ✓ Meta trid taċċellera malajr |

# Ġarr ta' passiġġieri

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| 6. 5.1 | Bħala xufier ta' xarabank l-ewwel ħsieb tiegħek għandu jkun: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Li tasal fil-ħin<br>• Fil-passiġġieri<br>• F'min iħaddmek<br>• Fi sħabek tax-xogħol | ✓ Fil-passiġġieri |
| 6. 5.2 | Bħala xufier ta' xarabank l-akbar responsabbilta` li għandek hija: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Is-sigurta` u l-kumdita` tal-passiġġieri<br>• Tasal eżatt fil-ħin<br>• Tiġbor in-nollijiet<br>• Taqta' l-biljetti | ✓ Is-sigurta` u l-kumdita` tal-passiġġieri |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **6.** 5.3 | Bħala xufier ta' xarabank għandek tagħti każ il-passiġġieri tiegħek. Tista' tagħmel dan billi: *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Twaqqaf ma' ġenb il-bankina<br>• Tasal kmieni fejn jeħtieġ<br>• Ma titkellimx meta tiġbor in-nollijiet<br>• Tagħtihom ċans joqogħdu bil-qiegħda | ✓ Twaqqaf ma' ġenb il-bankina<br>✓ Tagħtihom ċans joqogħdu bil-qiegħda |
| **6.** 5.4 | X'inhi r-raġuni PRINĊIPALI għaliex għandek iżżid il-veloċita` bil-galbu meta ssuq ix-xarabank? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Biex ma tgħerrix it-*tyres*<br>• Biex ma taħqarx wisq il-magna<br>• Biex ittejjeb il-konsum tal-*fuel*<br>• Għall-aktar kumdita` tal-passiġġieri | ✓ Għall-aktar kumdita` tal-passiġġieri |
| **6.** 5.5 | Meta tkun issuq ix-xarabank, l-għanijiet prinċipali tiegħek għandhom ikunu: *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Is-sigurta` tal-passiġġieri<br>• Il-kumdita` tal-passiġġieri<br>• Tasal eżatt fil-ħin<br>• Tilqa' lill-passiġġieri kollha bi tbissima<br>• Tiżgura li l-passiġġieri jkunu ħadu l-bagalji | ✓ Is-sigurta` tal-passiġġieri<br>✓ Il-kumdita` tal-passiġġieri |
| **6.** 5.6 | Għall-kumdita` tal-passiġġieri tiegħek għandek tevita li twaqqaf f'salt. Għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tippompja l-brejkijiet meta toqrob lejn *bus stops* u perikli<br>• Tuża l-gerijiet biex tnaqqas il-veloċita`<br>• Tuża l-*parking brake* eżatt qabel ma twaqqaf biex tevita li titfa' l-passiġġieri 'l quddiem<br>• Taħseb minn qabel u taġixxi għal kull waqfa u riskju | ✓ Taħseb minn qabel u taġixxi fuq kull waqfa u riskju |
| **6.** 5.7 | Xufier ta' xarabank iwaqqaf f'salt. Il-passiġġieri jistgħu jitwattbu *(Immarka tweġiba waħda)* | • Fuq quddiem tax-xarabank<br>• Fuq wara tax-xarabank<br>• Laġenba<br>• 'Il barra | ✓ Fuq quddiem tax-xarabank |
| **6.** 5.8 | Kif għandek tevita li twaqqaf f'salt? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tagħfas bil-mod il-*parking brake*<br>• Taħseb minn qabel u taġixxi kmieni<br>• Tnaqqas billi tuża l-gerijiet biss<br>• Tippompja l-pedala tal-brejkijiet diversi drabi | ✓ Taħseb minn qabel u taġixxi kmieni |
| **6.** 5.9 | Fadallek ftit biex tasal fuq it-*traffic lights* li qegħdin fuq l-aħdar. X'għandek tagħmel fil-każ li jaqilbu fuq l-aħmar? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Taċċellera biex tkun żgur li taqsam qabel ma jaqleb<br>• Tnaqqsilha biex tevita l-bżonn li twaqqaf f'daqqa<br>• Taċċellera, iżda twissi l-passiġġieri li jista' jkollok twaqqaf<br>• Tibqa' għaddej kif kont, iżda lest li ddoqq il-ħorn | ✓ Tnaqqsilha biex tevita l-bżonn li twaqqaf f'daqqa |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **6.** 5.10 | Għas-sigurta` u l-kumdita` tal-passiġġieri għandek: *(Immarka TLIET tweġibiet)* | • Twaqqaf bil-galbu<br>• Taħseb ħafna minn qabel<br>• Twaqqaf qrib il-bankina<br>• Twaqqaf f'daqqa f'kisra<br>• Tagħti l-bqija waqt li ssuq<br>• Issuq bil-bieba miftuħa | ✓ Twaqqaf bil-galbu<br>✓ Taħseb ħafna minn qabel<br>✓ Twaqqaf qrib il-bankina |
| **6.** 5.11 | Qabel ma jsuq minn wieqaf, xufier ta' xarabank għandu joqgħod attent ħafna għal passiġġieri li jippruvaw *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Ibiddlu s-*seats*<br>• Ipejpu<br>• Jistaqsuh xi ħaġa<br>• Jinżlu<br>• Jitilgħu<br>• Ma jkunux iridu jħallsu | ✓ Jinżlu<br>✓ Jitilgħu |
| **6.** 5.12 | Passiġġieri b'diżabilita` telgħin fuq ix-xarabank. Jgħidulek li m'għandhomx problema biex jitilgħu. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tħallihom jitilgħu waħidhom<br>• Titlob lill-passiġġieri biex jgħinuhom<br>• Toħroġ mill-kabina u tgħinhom<br>• Ma tagħmel xejn, ma tistax titlaq minn postok | ✓ Tħallihom jitilgħu waħidhom |
| **6.** 5.13 | Qed issuq xarabank bil-passiġġieri bil-lejl. Għaliex dejjem għandek tixgħel id-dwal ta' ġewwa? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Jgħinuk tara aħjar it-triq quddiemek<br>• Biex il-passiġġieri jistgħu jaraw fejn se joqogħdu<br>• Jgħinu lill-passiġġieri jaraw barra<br>• Biex tista' tara d-*dashboard* | ✓ Biex il-passiġġieri jistgħu jaraw fejn se joqogħdu |
| **6.** 5.14 | Kif tkun se taqla' oqgħod attent b'mod partikulari għal xi passiġġieri li jippruvaw: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ipejpu fin-naħa ta' quddiem<br>• Joqogħdu bil-wieqfa fin-naħa l-għolja<br>• Jevitaw li jħallsu n-noll kemm suppost<br>• Jitilgħu fuq ix-xarabank | ✓ Jitilgħu fuq ix-xarabank |
| **6.** 5.15 | Meta ssuq minn *bus stop* għandek toqgħod attent b'mod partikulari għal passiġġieri li jippruvaw: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Ma jħallsux in-noll kemm suppost<br>• Ipejpu fuq quddiem tax-xarabank<br>• Jinżlu mix-xarabank<br>• Jużaw *card* skaduta | ✓ Jinżlu mix-xarabank |
| **6.** 5.16 | Passiġġier isibha diffiċli biex jimxi. X'għandek tagħmel biex tgħinu? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Issuq malajr biex il-passiġġieri ma jdumux jistennew<br>• Tistenna sakemm il-passiġġier joqgħod bil-qiegħda qabel ma ssuq<br>• Kun żgur li għandhom *seat* ħdejn it-tieqa<br>• Għidilhom joqogħdu ħdejn il-bieba | ✓ Tistenna sakemm il-passiġġier joqgħod bil-qiegħda qabel ma ssuq |
| **6.** 5.17 | Xufier ta' xarabank M'GĦANDUX ISUQ waqt li: | • Jaqta' l-biljetti<br>• Il-bibien ikunu miftuħa<br>• Ikun liebes nuċċali tax-xemx<br>• Ikun jagħti l-bqija<br>• Il-passiġġieri jkunu bil-wieqfa<br>• Jkunu jinġarru l-bagalji | ✓ Jaqta' l-biljetti<br>✓ Il-bibien jinfetħu<br>✓ Ikun jagħti l-bqija |

# It-Triq

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| **6.** 6.1 | Bħala xufier ta' xarabank, x'għandek tagħmel meta tkun qed taqla' wieħed bil-mutur f'irjieħ qawwija? | • Iddoqq il-ħorn<br>• Issuq qrib ħafna tiegħu<br>• Tuża l-mera tan-naħa tal-passiġġier<br>• Iżżomm lura minn kmieni | ✓ Tuża l-mera tan-naħa tal-passiġġier |
| **6.** 6.2 | X'għandek tagħmel kull darba li tidħol jew toħroġ minn *bus stop*? *(Immarka żewġ tweġibiet)* | • Ngħid lill-passiġġieri biex iżommu sod ħalli ma jaqgħux minn fuq is-*seat*.<br>• Nuża r-rutina tal-MSM (Mirja-Sinjal-Manuvra) u nipproċedi bl-akbar attenzjoni.<br>• Insuq bil-galbu kemm nista', skond kemm ikun hemm traffiku.<br>• Indoqq il-*horn* kemm hemm bżonn sakemm il-vetturi l-oħra jwarrbu minn nofs.<br>• Wara li nkun iċċekjajt il-mirja u nkun għamilt is-sinjali meħtieġa, nassigura ruħi li l-manuvra tiegħi ma tkunx ta' periklu għall-utenti l-oħra tat-triq. | ✓ Nuża r-rutina tal-MSM (Mirja-Sinjal-Manuvra) u nipproċedi bl-akbar attenzjoni.<br>✓ Wara li nkun iċċekjajt il-mirja u nkun għamilt is-sinjali meħtieġa, nassigura ruħi li l-manuvra tiegħi ma tkunx ta' periklu għall-utenti l-oħra tat-triq. |
| **6.** 6.3 | X'inhi l-ogħla veloċita` f'inħawi mibnija jew postijiet oħra għall-karozzi tal-linja u coaches, jekk ma jkunx indikat mod ieħor? *(Immarka tweġiba waħda)* | • 50kph u 80kph.<br>• 40kph u 60kph.<br>• 30kph u 40kph.<br>• 20kph u 30kph.<br>• 35kph u 65kph. | ✓ 40kph u 60kph. |

# X'għandek tagħmel f'inċident

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| **6.** 7.1 | Ix-xarabank li qed issuq u vetturi oħra kienu involuti f'inċident. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Titfilhom il-fanali l-kbar<br>• Tiskonnettja l-*fuel*<br>• Iddawwar il-vetturi parallela mat-traffiku<br>• Dejjem toħroġ lill-midruba minn ġol-vetturi | ✓ Tiskonnettja l-*fuel* |

# Kundizzjoni ta' vettura

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| **6.** 8.1 | Il-vettura tiegħek għandha magna bit-turbo. X'għandek tagħmel qabel ma titfilha? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Iftaħ il-*valve* ta' l-arja tas-*suspension*<br>• Tħalli l-magna startjata għal ftit qabel titfiha<br>• Titfagħha fuq ir-rivers<br>• Tirrejżja l-magna bil-qawwi | ✓ Tħalli l-magna startjata għal ftit qabel titfiha |

# Ħruġ minn vettura

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| **6.** 9.1 | Bħala xufier ta' xarabank l-għan prinċipali tiegħek għandu jkun: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Li tasal eżatt fil-ħin<br>• Is-sigurta` tal-passiġġieri<br>• Li tkun ta' servizz għal sħabek<br>• Iżżomm dettalji eżatti ta' kemm tbiegħ biljetti | ✓ Is-sigurta` tal-passiġġieri |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **6.** 9.2 | Qed issuq xarabank. Qiegħed *f'bus stop* taqta' l-biljetti. Int għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tingranaha mingħajr ebda sinjal<br>• Tingranaha u tagħti sinjal<br>• Tagħti sinjal biss meta tkun se ssuq<br>• Tagħmilha *free* iżda tagħti sinjal li se ssuq | ✓ Tagħti sinjal biss meta tkun se ssuq |
| **6.** 9.3 | Il-mera tan-naħa tal-passiġġier qiegħda biex tiċċekkja: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Jekk il-bieba tax-xufier hijiex magħluqa sew<br>• Għal kull vettura li tkun qed taqla' minn fuq ix-xellug<br>• Jekk il-passiġġieri humiex bil-qiegħda<br>• Għal kull vettura li tkun se tipparkja quddiemek | ✓ Għal kull vettura li tkun qed taqla' minn fuq ix-xellug |
| **6.** 9.4 | Meta tkun se tiftaħ il-bieba tal-lemin tiegħek għandek tiċċekkja: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-mera<br>• Li l-bibien l-oħra kollha huma magħluqa<br>• Il-pressa ta' l-arja<br>• Li fuq ġewwa m'hemmx passiġġieri | ✓ Il-mera |
| **6.** 9.5 | Qed twaqqaf biex ittella' l-passiġġieri minn *bus stop*. Fejn għandek twaqqaf? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Qrib il-bankina<br>• 'Il bogħod mill-bankina<br>• Wara l-*bus stop*<br>• Qabel il-*bus stop* | ✓ Qrib il-bankina |
| **6.** 9.6 | Għandek twaqqaf il-vettura tiegħek biex ittella' jew tniżżel il-passiġġieri ħdejn: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Il-ħaxix<br>• Il-ħadid<br>• Karrozzi pparkjati<br>• Il-bankina | ✓ Il-bankina |
| **6.** 9.7 | Xi karrozzi pparkjaw b'mod li mblukkawlek il-*bus stop*. Qabel ma tniżżel il-passiġġieri għandek: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tibqa' sejjer għall-*bus stop* li jmiss<br>• Tiċċekkja li fuq ix-xellug mhux għaddej traffiku<br>• Tipprova ssib is-sidien tal-vetturi<br>• Tiċċekkja jekk hux għaddej traffiku minn fuq il-lemin | ✓ Tiċċekkja li fuq ix-xellug mhux għaddej traffiku |
| **6.** 9.8 | X'għandek tagħmel qabel ma tniżżel lill-passiġġieri mix-xarabank? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tiġbrilhom il-biljetti użati<br>• Tixgħel is-sistema ta' twissija li tinstema'<br>• Tiċċekkja l-mirja qabel ma tiftaħ il-bibien<br>• Tistaqsihom għandhomx xi bagalji x'jiġbru | ✓ Tiċċekkja l-mirja qabel ma tiftaħ il-bibien |
| **6.** 9.9 | Xi passiġġieri jistgħu jkunu mgħaġġlin biex jinżlu mix-xarabank hekk kif tasal ħdejn *bus stop*. X'għandek tagħmel biex tnaqqas il-perikli? *(Immarka tweġiba waħda)* | • Insisti li l-passiġġieri jibqgħu bil-qiegħda sakemm tieqaf il-vettura<br>• Waqqaf ftit qabel l-istop u ħalli l-passiġġieri jinżlu<br>• Ħalli l-passiġġieri jitilgħu qabel ma' oħrajn jinżlu<br>• Ma tiftaħx il-bibien tal-passiġġieri qabel tieqaf ix-xarabank | ✓ Ma tiftaħx il-bibien tal-passiġġieri qabel tieqaf ix-xarabank |

# Vista ristretta

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| **6.** 11.1 | Qed issuq xarabank f'inħawi mibnija. M'GĦANDEKX: *(Immarka tweġiba waħda)* | • Tiżgombra ftuħ ta' salib it-toroq<br>• Tħalli distanza twila biex twaqqaf<br>• Taħseb minn qabel x'se jagħmel it-traffiku li ġej<br>• Tuża l-'Mera, Sinjal u Suq' tas-soltu | ✓ Tiżgombra ftuħ ta' salib it-toroq |

# Edizzjonijiet ambjentali

| Ref | Mistoqsija | Tweġibiet li tista' tagħti | Tweġiba/tweġibiet korretti |
|---|---|---|---|
| **6.** 13.1 | Wara li tagħti l-*fuel* lix-xarabank, x'għandek tiċċekkja qabel ma ssuq? *(Immarka tweġiba waħda)* | • L-għotjien tat-tank tal-*fuel* huma magħluqa sew<br>• It-tank mimli sax-xifer<br>• Il-pożizzjoni tas-*switch* li jaqta' l-*fuel* f'emerġenza<br>• Il-bozza li turik li l-*fuel* se jispiċċa qed taħdem | ✓ L-għotjien tat-tank tal-*fuel* huma magħluqa sew |
| **6.** 13.2 | Qed tistenna għal ftit tal-ħin wieqaf f'serbut ta' traffiku. Għalfejn għandek titfi l-magna? *(Immarka tliet tweġibiet)* | • Biex tnaqqas il-volum ta' ħsejjes<br>• Biex tiffranka fuq il-pressa ta' l-arja<br>• Biex tnaqqas id-dħaħen ta'<br>• l-*exhaust*<br>• Biex tnaqqas l-interferenza tat-televiżjoni<br>• Biex tevita li toħloq inkonvenjent fejn tkun | ✓ Biex tnaqqas il-volum ta' ħsejjes<br>✓ Biex tnaqqas id-dħaħen ta' l-*exhaust*<br>✓ Biex tevita li toħloq inkonvenjent fejn tkun |